MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1339/2010

**Chetcuti Cauchi Advisors Limited bhala mandatarji specjali tas-socjeta’ estera Atlantic Industries Limited u The General Soft Drinks Company Limited**

**vs**

**K.T.A. Import Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tat-28 ta’ Decembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta’ rikorrenti Chetcuti Cauchi Advisors Limited hija awtorizzata tibda dawn il-proċeduri abbażi ta’ prokura minghand Atlantic Industries Limited, kopja ta’ liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument CC1;

2. Atlantic Industries Limited hija l-proprjetarja tat-trademark “KRISTAL”, liema trademark giet registrata f’Malta f’diversi stadji skond dan li gej:
(b) Trade Mark no. 17838 fis-6 ta’ Mejju 1987;
(c) Trade Mark no. 17999 fit-18 ta’ Settembru 1987;
(d) Trade Mark no. 48209 fit-8 t’ Ottubru 2008;
(e) Trade Mark no. 48208 fit-8 t’ Ottubru 2008;
(k) Trade Mark no. 45503 fis-27 ta’ Settembru 2006; u
(l) it-3D trademarks bin-numri 47033D, 47032D u 47031D mid-19 t’ Ottubru 2007;

Kopja ta’ dawn ir-registrazzjonijiet jinsabu hawn annessi u mmarkati minn Dokument CC2 sa CC7;

Originarjament, l-imsemmija trade marks kienu gew registrati mis-socjeta’ rikorrenti l-ohra The General Soft Drinks Company Limited, li sussegwentement fl-1 ta’ Novembru 2008 trasferiet id-drittijiet taghha fuq dawn it-*trade marks* lis-socjeta’ rikorrenti Atlantic Industries u dan skond *assignment agreement* li kopja tieghu u tad-dikjarazzjonijiet relattivi mahruga mid-Direttorat ghar-registrazzjoni tal-proprjeta industrijali qed jigu hawn annessi u mmarkati Dokument CC7A;

3. Is-socjeta’ rikorrenti l-ohra, The General Soft Drinks Company Limited, tinsab licenzjata sabiex tipprepara, tippakkja, tiddistribwixxi u tbiegh f’Malta, fost prodotti ohrajn, l-ilma fil-fliexken “KRISTAL” u dan skond “Licensing Agreement” li kopja tieghu qed jigi anness ma’ dan ir-rikors u mmarkat Dokument CC8;

4. Illi s-socjeta’ intimata qeghdha abuzivament u illegalment taghmel uzu mit-*trade mark* “KRISTAL” kif ukoll minn disinni u sinjali distintivi konsistenti fost l-ohrajn u partikolarment fil-kelma u d-device "KRISTAL" miktuba b'mod specjali u distintiv, fuq is-segwenti prodotti u cioe:

a) Bil-kulur blu fuq sfond celesti, u dana fuq il-"label" tal-fliexken tal-ilma tal-plastik minnhom importat u kif jidher ahjar mir-ritratt tal-istess flixkun li qed jigi hawn esibit u mmarkat bhala Dokument CC9;

b) Bl-abjad fuq sfond ahmar, u dana fuq il-“label” tal-fliexken tax-xarba bl-isem “Cola” fi fliexken tal-plastik minnhom importat u kif jidher ahjar mir-ritratt tal-istess flixkun li qed jigi hawn esebit u mmarkat bhala Dokument CC10;

5. Illi l-kelma "KRISTAL" miktuba b'mod specjali u distintiv, bil-kulur blu fuq sfond celesti, sia bhala device u sia bhala kelma abbinata ma’ ittri ohra, kif ukoll il-flixkun tal-plastik li fih huwa ibbottiljat l-ilma “KRISTAL” huma debitament registrati mal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali f’isem is-socjeta’ rikorrenti Atlantic Industries Limited kif jirrizulta mill-annessa dokumentazzjoni hawn annessa bhala Dok. CC2 sa CC7, u dan id-device bil-kelma ”KRISTAL”, kif ukoll il-flixkun tal-*plastic* huma proprjeta tal-istess socjeta' attrici Atlantic Industries Limited u jifformaw parti mill-"goodwill" taghha;

6. Illi l-uzu tal-kelma KRISTAL kemm fuq il-fliexken tal-plastic tal-ilma u kif ukoll fuq il-fliexken tal-plastic tal-“Cola”, importati mis-socjeta’ intimata jilledu id-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjetajiet rikorrenti u dan ghaliex li l-imsemmija kelma kif fuq inghad hija debitament registrata mal-Kontrollur Tal-Proprjeta Industrijali f’isem is-socjeta’ Atlantic Industries Limited, liema socjeta’, awtorizzat biss lis-socjeta’ rikorrenti l-ohra, The General Soft Drinks Company Limited sabiex tuza dik il-kelma;

7. Illi in oltre l-ilma bl-isem KRISTAL fl-istess fliexken tal-plastik importat fis-suq lokali mis-socjeta’ intimata qieghed jilledi id-drittijiet tas-socjeta’ rikorrenti u dan minhabba l-fatt illi hemm diversi similaritajiet bejn it-trade marks registrati mis-socjeta’ rikorrenti u l-apparenza generali tal-prodott importat mis-socjeta’ intimata, tant li jista’ facilment johloq konfuzjoni fl-imhuh minhabba: Il-kelma identika “Kristal”, l-uzu tal-kulur ikhal u l-iskema generali tal-kuluri fuq it-tikketta, l-element ta’ ilma li hu komuni ghaz-zewg prodotti, kif ukoll l-effett tal-istilla fuq l-ittra “L”;

8. Illi s-socjeta’ The General Soft Drinks Company Limited ilha ghal hafna snin tibbottilja u tbiegh f’Malta l-ilma bl-isem

”KRISTAL”, fil-fliexken tal-plastic, bl-istess apparenza, kliem u bis-sinjali distintivi kif fuq deskritti u fil-fatt kienet ukoll irregistrat l-istess trademark, liema tradmark wara gie assenjata lis-socjeta’ rikorrenti l-ohra Atlantic Industries Limited;

9. Illi l-prodott tas-socjetajiet rikorrenti akkwista reputazzjoni f' Malta;

10. Illi s-socjeta’ intimata qeghda bl-istess agir taghha fuq imsemmi u b'abbuz kbir tal-ligi tikseb gwadann mir-reputazzjoni, fama, u apparenza tat-trade mark "KRISTAL" kemm fuq il-prodotti konsistenti f’ilma fi fliexken tal-plastik kif ukoll fuq il-prodotti tal-”Cola” ukoll importati fi fliexken tal-plastik mis-socjeta’ intimata, u b’dan qed tikkawza danni lis-socjetajiet rikorrenti. In oltre bil-manjiera kif il-prodott konsistenti f’ilma minerali fi fliexken tal-plastik li qed jigi mpurtat mis-socjeta’ intimata qed jigi pprezentat lill-konsumatur, qed ihawwad mohh il-konsumatur b’tali mod li hemm li hemm, jew jista' jkun hemm, xi konnessjoni bejn iz-zewg prodotti, aktar u aktar meta si tratta ta' zewg prodotti identici fil-kontenut taghhom, u cioe' "ilma”, vide Dokumenti CC9 u CC11, li juru s-similarita’ bejn iz-zewg prodotti;

11. Illi huwa car u manifest li d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjetajiet rikorrenti qed jigi lez mis-socjeta’ intimata, u kwindi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom dritt li jircievu l-protezzjoni akkordata lilhom mill-Kap. 488;

12. Illi in vista wkoll tal-fatt li l-prodott tas-socjetajiet attrici akkwista reputazzjoni f'Malta, l-agir tas-socjeta’’ intimata jikkostitwixxi ukoll att ta’ konkorrenza sleali bi ksur tal-ligi fil-konfront tas-socjeta’ attrici General Soft Drinks Company Limited liema socjeta’ tibbottilja, tbiegh u tispacca fis-suq Malti ilma bl-isem “KRISTAL”;

13. Illi l-agir tas-socjeta’ intimata qed jirreka danni liz-zewg socjetajiet rikorrenti;

14. Illi s-socjeta’ intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tieqaf mill-agir illegali u abbuziv taghha, u xorta baqghet inadempjenti sakemm fis-26 ta’ Ottubru 2010, gew

milqugha numru ta’ talbiet provizzjorji ai termini tal-Kap. 488 tal-Ligijiet tal-Malta (1021/10MCH);

15. Dawn il-proceduri qed jitressqu ai termini tal-istess kapitolu tal-ligi wara li ntalqghu l-imsemmija talbiet b’mod provizorju;

Ghaldaqstant tghid is-socjeta’ konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli, ta' ksur ta' drittijiet ta' proprjeta fuq il-marka "KRISTAL", versu s-socjeta’ Atlantic Industries Limited u s-socjeta’ The General Soft Drinks Company Limited ai termini tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli, ta' konkorrenza sleali fil-konfront tas-socjeta’ The General Soft Drinks Company Limited ai termini tal-Kodici Kummercjali, minhabba l-uzu tal-marka, isem, kliem, disinji u sinjali distintivi fuq riferiti;

3. Tiddikjara li s-socjeta’ intimata mhix awtorizzata illi taghmel uzu mill-kelma “KRISTAL” fuq il-fliexken tal-ilma u tal-“Cola” li tbiegh jew tispacca fis-suq Malti;

4. Tordna lis-socjeta’ intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss tiddistruggi u teqred kwalunkwe oggett li b'xi mod jikkomprendi u jissenjala l-marka, isem, kliem, disinji jew sinjali distintivi fuq riferiti, jew alternattivament f'kaz li dawn l-istess oggetti jistghu jigu rrangati b'mod illi kwalunkwe referenza ghall-marka, isem, kliem, disinji jew sinjali distintivi fuq riferiti tigi obliterata u mhassra, tordnalha li dawn l-oggetti jigu fi zmien qasir u perentorju hekk irrangati sabiex ma jifdallhomx referenza ghall-marka, isem, kliem, disinji u sinjali distintivi fuq riferiti;

5. Tordna lis-socjeta’ intimata kull rimedju iehor li jista' skond ic-cirkostanzi jnehhi l-effett tal-atti li bihom saret il-ksur tal-marka ”KRISTAL” u / jew il-konkorrenza slejali; u

6. Tiddikjara li s-socjetajiet rikorrenti sofrew danni minhabba l-agir tas-socjeta' intimata;

7. Tillikwida d-danni s-sofferti mis-socjetajiet rikorrenti anke bl-opera ta' periti nominandi u, jekk ikun il-kaz, mehud in konsiderazzjoni dak dispost fl-artikolu 12 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tar-rikors numru 1021/10MCH li gie intavolat u milqugh, u bl-imghaxijiet kontra l-istess socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-att promotur ma rrispondietx u b'hekk hi kontumaci;

Rat l-atti tal-kawza inkluz l-affidavits pprezentati mis-socjetajiet attrici, l-esebiti li jifformaw parti mill-atti, in-noti ta' referenzi;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Mejju 2011 skond verbal tal-istess Qorti fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011;

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Kif jirrizulta mid-dokumenti pprezentati, senjatament Dok. CC2 sa CC7, is-socjeta' Atlantic Industries Limited hi l-propretarja tat-trademark 'KRISTAL' u l-markju distintiv registrati sa mill-1987 fejn gew registrati l-ewwel zewg trademarks bin-numri 17838 u 17999 (Dok. CC2 u Dok. CC3). Jirrizulta mid-dokument CC7A illi ghal certu zmien il-proprjetarja kienet is-socjeta' attrici General Soft Drinks Company Limited pero fl-1 ta' Novembru 2008 ittrasferit id-drittijiet taghha fuq dawn it-trademarks u ohrajn registrati fl-2006, 2007 u 2008 (Dok. CC4 sa CC7) lis-socjeta' attrici l-ohra Atlantic Industries Limited.

Sussegwentement sar licensing agreement bejn Coca-Cola Company, Coca-Cola Export Corporation u Schweppes Holdings Limited ma' General Soft Drinks Company Limited fit-2 ta' Settembru 2009, fejn din l-ahhar socjeta' hi awtorizzata u licenzjata biex tipprepara, tippakkja, tiddistribwixxi u tbiegh f'Malta, fost prodotti ohrajn l-ilma fil-fliexken 'KRISTAL' u Coca-Cola u prodotti ohra kif jirrizulta mill-istess ftehim (Dok. CC8). Skond l-affidavit ta' William D. Hawkins bhala direttur u rapprezentant legali ta' Atlantic Industries, fl-20 ta' Dicembru 1999 kien sar ftehim bejn l-istess ma' Schweppes Holdings Limited imgedded sena b'sena fejn Schweppes Holdings Limited giet awtorizzata taghmel sub licencing ta' trademarks ta' Atlantic Industries lil terzi kif sehh f'dan il-kaz ma' The General Soft Drinks Company Limited.

Is-socjetajiet attrici qed jilmentaw mill-fatt illi s-socjeta' intimata f'nofs is-sena 2010 bdiet tpoggi fuq is-suq fliexken tal-ilma u prodotti tax-xorb 'Cola' u 'Orange' bl-isem identiku 'KRISTAL' miktuba bl-istess mod, bl-uzu tal-istess kuluri u disinn (ara Dok. CC9 u CC10, u fliexken esebiti SB2 u SB3 distribwiti mis-socjeta' intimata) kif komparati ma' fliexken tal-ilma 'KRISTAL' Dok. SB1 distribwit mis-socjeta' attrici General Soft Drinks. Ara wkoll affidavit ta' Stephen Bonnici Human Resources Manager ta' General Soft Drinks Company Limited li spjega fid-dettal il-prodotti u registrazzjonijiet li sar mis-socjetajiet attrici kif ukoll l-ilment dwarhom.

Is-socjetajiet attrici jishqu illi l-uzu tal-kelma 'KRISTAL' qed jilledu mhux biss id-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tas-socjeta' attrrici Atlantic Industries liema kelma hi debitament registrata mal-kontrollur tal-Proprjeta Intellettwali u fejn is-socjeta' attrici The General Soft Drinks Company Limited hi unikament awtorizzata f'Malta tuza din il-kelma bid-disinn distintiv, izda wkoll l-uzu tal-istess kelma bil-kulur u markju fuq il-fliexken mis-socjeta' intimata qed jikkreja facilment konfuzjoni fl-imhuh tal-pubbliku in generali li jahsibhom l-istess prodott u ghalhekk l-istess intimata qed tikkreja konkorrenza sleali b'dannu finanzjarju ghas-socjetajiet attrici.

L-istess socjetajiet isostnu illi l-isem ‘KRISTAL’ uzat ghal tant snin f’Malta ghandu illum reputazzjoni u fama akkwistata mis-socjetajiet attrici li qed tigi imminata mis-socjeta’ intimata bid-distribuzzjoni taghha ta’ prodotti ta’ ilma u ‘Cola’ fi fliexken bl-isem ‘Cola’.

Fost ix-xhieda li ghamlu affidavit, Natasha Camilleri, marketing activator fil-kumpanija The General Soft Drinks Company Limited xehdet li fl-Lulju 2010 marret f’hanut f’Imsida u minn hemm xtrat fliexkun ‘KRISTAL’ Cola (Dok. SB3) li mhux tal-kumpanija attrici. Fl-istess sens xehed Adrian Mallia impjegat tal-istess socjeta’ li xtara fliexkun tal-ilma ‘KRISTAL’ minn hanut fil-Gzira (Dok. SB2) li mhux dak li tbiegh is-socjeta’ attrici. Xehed ukoll bl-istess mod Brian Mizzi pre-seller tas-socjeta’ attrici li mar f’hanut Paceville u ra fliexkun tal-ilma simili (Dok. SB2) li mhumiex tal-kumpanija attrici.

Is-socjetajjiet attrici qed jitolbu l-protezzjoni akkordata principalment mill-Kapitolu 488 Dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Intellettwali senjatament dawk dwar it-tnehhija mis-suq u d-distruzzjoni tal-oggetti (artikolu 9) u d-danni subiti mill-proprjetarju tad-dritt intellettwali (artikolu 12), inkluz l-ispejjez tal-proceduri gudizjarji (artikolu 13) u pubblikazzjoni tad-decizjoni tal-Qorti (artikolu 14). Qeghdin ukoll, in sostenn ta’ dak allegat, jaffirmaw id-drittijiet taghhom taht il-Kodici ta’ Kummerc (artikolu 32) in kwantu s-socjeta’ intimata hi responsabbli ta’ konkorrenza sleali verso s-socjetajiet attrici.

**Ligi**

**Kapitolu 448 u Kapitolu 416**

Hi l-fehma tal-Qorti illi s-socjetajiet attrici jgawdu l-protezzjoni tal-Kap. 488 fejn jinghad illi l-artikoli tal-ligi f’dan il-Kapitolu jistghu jigu utilizzati mill-proprjetarju tal-marka intellettwali rikonoxxuta mill-ligi kif ukoll minn dawk il-persuni li lilhom hi awtorizzata l-uzu taghha. Ma hemmx dubju illi s-socjeta’ Atlantic Industries hi l-proprjetarja tal-marka ‘KRISTAL’ u marka distintivi registrati u rikonoxxuti

taht il-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe l-ligi dwar it-trademarks. Ma jidhirx li s-socjeta’ intimata ghandha f’isimha registrati ismijiet u marki simili.

Jigi relevat li b’digriet ta’ din l-istess Qorti s-socjeta’ intimata kienet giet inibita milli tieqaf tpoggi fuq is-suq il-prodotti taghha (inib. 1021/10 MCH) pendenti ezitu finali fuq il-mertu.

Tajjeb li ssir referenza hawnhekk ghall-artikolu 9 tal-Kap. 416 li jaghti lil proprjetarju ta’ trademark registrata d-dritt esklussiv ghall-uzu taghha u l-artikolu 10(2)(b) fejn persuna tista’ tigi misjuba responsabbli ghal ksur ta’ trademark registrata jekk tkun qed tuza sinjal simili ghat-trademark in relazzjoni ghal oggetti jew servizzi identici jew simili ghal dawk li dwarhom hemm trademark registrata.

Il-provi juru illi s-socjetajiet attrici sa mill-1987 u wara huma l-proprjetarji esklussivi tat-trademark ‘KRISTAL’ u illi b’dan l-isem jinbieghu prodotti konsistenti fi fliexken tal-ilma materjali u gassata, ilma mhawwar b’toghma ta’ lumi, hawh u frawli. Ezami anki superficjali tal-prodotti li s-socjeta’ poggiet fuq is-suq turi illi l-isem ‘KRISTAL’ qed jintuza fuq fliexken tal-ilma b’kuluri ta’ fliexken u logo simili ghal dak tas-socjeta’ attrici Atlantic Industries. Ghalkemm is-socjeta’ intimata qed tbiegh cans tal-Cola bl-isem ‘KRISTAL’ mentri s-socjeta’ attrici ma tbieghx Cola b’dak l-isem, b’daqshekk ma jfissirx li dan jista’ jsir impunement. Dan qed jinghad peress illi l-protezzjoni moghtija lil kelma ‘KRISTAL’ ma jistax jigi mgebbed li jfisser ‘deskrizzjoni tas-servizz intiz’, billi l-kelma mehuda wahedha mhix diskrettiva ta’ prodott ta’ xorb izda hi kelma uzata ghal diversi snin fuq prodotti ta’ xorb cioe ilma naturali jew gassat jew ilma mhawwar b’toghma ta’ frott, u fil-fehma tal-Qorti l-bejgh ta’ prodott ta’ xorb bl-istess isem izda intiz ghal Cola jitqies li fil-generu hu simili. Fil-fatt il-ligi ma tehtieg li l-oggett ikun identiku izda simili u l-fatt li l-isem ‘KRISTAL’ jintuza biss ghal prodotti ta’ xorb kwazi minerali ma hemmx dubbju li l-bejgh ta’ Cola bl-istess isem jikkostitwixxi bejgh ta’ prodott simili.

## Artikolu 32 Kodici tal-Kummerc

Is-socjetajiet attrici qed jallegaw ukoll illi l-uzu tal-istess isem mis-socjeta' intimata tmur kontra l-provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc u tikkostitwixxi konkorrenza sleali. L-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi illi

"Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunx registrati skond l-Att sabiex jirregistra t-trademarks, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta".

Kif anunzjat tajjeb il-Qorti fil-kawza Vassallo vs Caruana et deciza 7 ta' Gunju 1950 biex jinstab li kien hemm konkorrenza sleali jrid jittiehed l-ghemil kollu tal-konkorrent fil-kumpless tieghu u punt ta' partenza jrid l-ewwel jigi osservat il-principju prior *in tempore, potior in jure* billi kif qalet il-Qorti fil-kawza Macpherson Mediterranean Ltd vs Conquest Limited deciza fid-9 ta' Dicembru 2002 jekk il-prodott tal-konvenut ikun jinbiegh fis-suq lokali qabel ma beda jinbiegh tal-attur, l-attur ma jkunx jista' jivvanta ebda dritt taht l-artikolu 32 tal-Kodici tal-kummerc.

Mill-provi f'dan il-kaz jidher illi l-uzu tal-kelma 'KRISTAL' mis-socjetajiet attrici kien isir hafna u hafna snin qabel ma bdiet tuzah is-socjeta' konvenuta.

Biex ikun hemm konfuzjoni fil-kawza Petroni nomine vs Montebello noe deciza fis-26 ta' Mejju 2000 ingiebu dawn il-kundizzjonijiet cioe

*"(a) l-isem jew marka tad-ditta konvenuta irid ikun l-istess jew simili;*
*(b) li din il-marka jew isem jistghu jikkrejaw konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur normali;*
*(c) il-konfuzjoni tista' ssehh biss jekk il-kummercjanti jkunu fl-istess sfera ta' kummerc jew simili ta' xulxin;*

*(d) il-konkorrenza trid issehh fl-istess arja geografika.*

Ghar-rigward tal-element ta' konfuzjoni, intqal fil-kawza "Page vs Tanti Bellotti", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Marzu, 1905, *"non si deve baddare alle singole parti che compongono il marchio ma all'impressione complessiva che esso produce e per escludere la contrafezione non si puo' sostenere che isingoli segni che compongono il marchio siano facilmente distinguibili gli uni degli altri".* Hekk ukoll, fil-kawza "Pulis vs Tabone", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 1921, intqal illi:

*"e' di massimo in tema di concorrenza sleale, generate l'imitazione di marchio o di fabbrica, che la concorrenza e' illecita quando la imitazione, quantunque incompleta e parziale sia cio' non di meno di tale natura in seguito ad una identita' nella pratica destinazione e nella abituale denominazione dell'oggetto rapresentato, da indurre in inganno o d'errore i compratori inesperti o inattenti ovvero quando in sia iproduzione dell'elemento essenziale del marchio e d'ancora della somiglianza di due marchi e' sufficiente per creare una confusione quando l'elemento che sopratutto atrae l'attenzione e' lo stesso nei due marchi".*

Fil-kawza "Chircop vs Galea", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju, 1955, intqal li *"l-imitazzjoni ma kemmx bzonn tkun servili, preciza, tali li tinganna anki kompratur intelligentissimu, imma tibbasta imitazzjoni tali li tkun tista' tinganna bniedem ta' intelligenza u diligenza ordinarja"*.

Fid-dawl ta' dawn il-principji hu car ghal din il-Qorti illi s-socjeta' konvenuta fl-agir taghha fil-kumpless tieghu kellha f'mohha li tigbed lejha l-klijentela mibnija tul iz-zmien mis-socjetajiet attrici bl-uzu tal-isem maghruf 'KRISTAL' fis-suq lokali li f'mohh il-konsumatur hu sinonimu mal-fliexken tal-ilma naturali u gassat u iktar ricenti ma' dak b'toghma ta' frott u bl-istess mod ghalhekk ma hu ser jikkawza ebda dubbju b'mohh il-konsumatur illi l-introduzzjoni ta' cans ta' Cola bl-istess isem mhux ghajr

espansjoni fis-suq ta’ prodott iehor tal-istess generu mis-socjeta’ attrici li tbiegh prodotti ta’ xorb bl-isem ta’ ‘KRISTAL’.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi s-socjetajiet attrici pprovaw l-allegazzjonijiet taghhom.

## Danni

Is-socjetajiet attrici qed jitolbu per konsegwenza illi s-socjeta konvenuta ma jkollhiex dritt tuza l-isem ‘KRISTAL’ fuq fliexken tal-ilma u ‘Cola’ li tbiegh u tispacca f’Malta, talba legittma u li taqa’ fil-parametri tal-Kapitolu 488 artikolu 9(1).

Inoltre qed jitolbu d-distruzzjoni tal-ogetti kollha li ggib il-marka ‘KRISTAL’ jew li tali marki jitnehhew mill-oggetti, talba legittima taht l-artikolu 9(1)(c). Din il-Qorti pero tara illi din it-talba jista’ jkollha problemi ta’ attwazzjoni imprattici u lesivi ghall-interess ta’ terzi li setghu xtraw in buona fede l-prodott biex jerga’ jinbiegh mill-hwienet minghajr hjiel tal-konkorrenza sleali li kienet qed tigi perpetwata [l-artikolu 9(3)]. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li dak li jinsab gia fil-hwienet ta’ terzi jibqa’ fis-suq u dan billi mhux facli wiehed jiddetermina x’lahaq gie impoggi fuq is-suq u fejn, u ghalhekk il-Qorti ser taghti rimedju ghalih fil-kap tal-likwidazzjoni danni u ghal dak li ghadu mhux mibjugh u jinsab fl-istabbilimenti tas-socjeta’ konvenuta.

In kwantu ghad-danni mitluba, s-socjetajiet attrici ghamlu referenza ghal artikolu 12 tal-Kap. 488 li jaghti lok ghad-danni kummensurati ghal-pregudizzju soffert inkluz konsegwenzi ekonomici avversi inkluz telf ta’ profit mis-socjetajiet attrici u profitti mhux gusti maghmula mis-socjeta’ konvenuta, tenut kont anki tal-pregudizzju morali sofferti.

Il-Qorti rat l-affidavit ta’ Carmel Schembri financial controller ta’ General Soft Drinks Company Limited (fol. 39 tal-process) li ghamel prospett ipotetiku izda konservattiv ibbazat fuq l-importazzjoni ta’ container wiehed ta’ pakketti ta’ ilma u Cola fejn hu kkwantifika l-qliegh tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ €4,976 u d-danni f’telf lis-socjeta’ attrici General Soft Drinks fl-istess ammont ta’ €4,976, b’kollox €9,952.

Din il-Qorti tqis id-danni bhala konservattivi u in linea ma’ dak li trid il-ligi u ma hemm ebda tiubazzjoni tal-Qorti li d-danni prospettati kienu fil-fatt realistici u misthoqqa.

Ghalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi

1. Tilqa’ l-ewwel zewg talbiet attrici u tiddikjara lis-socjeta konvenuta responsabbli ghal ksur tad-drittijiet ta’ proprjeta fuq il-marka ‘KRISTAL’ verso s-socjetajiet attrici ai termini tal-Kap. 488 kif ukoll responsabbli ta’ konkorrenza sleali ai termini tal-Kodici tal-Kummerc verso s-socjeta’ The General Soft Drinks Company Limited;

2. Tilqa’ it-tielet talba attrici u tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta mhix awtorizzata taghmel uzu mill-kelma ‘KRISTAL’ fuq il-fliexken tal-ilma u tal-‘Cola’ li tbiegh jew tispacca f’Malta;

3. Tilqa’ r-raba u l-hames talbiet attrici u tordna lis-socjeta’ konvenuta tiddistruggi l-prodotti kollha li ghandha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha u dan entro gimgha mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas din il-Qorti qed timponi penali a favur tas-socjetajiet attrici ta’ hames mitt Euro (€500) kuljum fin-nuqqas sakemm il-prodotti kollha fuq imsemmija jigu distrutti. Inoltre l-Qorti qed tordna li s-sustanza ta’ din is-sentenza tigi pubblikata fil-gazzetti kollha lokali mis-socjetajiet attrici a spejjes tas-socjeta’ konvenuta;

4. Tilqa’ s-sitt u seba’ talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ disat elef, disa mija u tnejn u hamsin Euro (€9,952) in linea ta’ Danni, bl-imghax jiddekorru mid-data tas-sentenza;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-proceduri numru 1021/10 MCH, dawk ghal pubblikazzjoni tas-sustanza tas-sentenza kontra s-socjeta’ konvenuta, bl-imghax kif fuq inghad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------